



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2013
COM(2013) 413 final

2013/0189 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2010/18/UE tal-Kunsill fir-rigward tal-bidla fl-istatus tal-Majott

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Permezz tad-Deċiżjoni 2012/419/UE, il-Kunsill Ewropew emenda l-istatus tal-Majott fil-konfront tal-Unjoni, b'effett mill-1 ta' Jannar 2014. B'konsegwenza ta' dan, minn din id-data, il-Majott mhux se tibqa' territorju ekstra-Ewropew sabiex issir reġjun ultraperiferiku skont l-Artikoli 349 u 355(1), tat-TFUE. Id-dritt tal-Unjoni se jibda japplika għal Majott mill-1 ta' Jannar 2014.

Din il-proposta hija s-segwitu ta' eżami tal-applikazzjoni ppreżentata mill-awtoritajiet Franċiżi għal modifika tal-*acquis* tal-Unjoni, permezz ta' posponiment tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/18/UE tat-8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-liv tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li tħassar id-Direttiva 96/34/KE.

Din it-talba ta' posponiment tidher oġġettivament iġġustifikata fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika partikolari tal-gżira ta' Majott:

- is-suq tax-xogħol mhuwiex żviluppat ħafna u r-rata ta' attività hija baxxa għal popolazzjoni attiva b'total ta' 43 200 persuna.
- 15% tal-impjegi totali għadhom jinsabu fis-setturi tradizzjonali (il-produzzjoni ta' prodotti agroalimentari, xogħol tal-artiġjanat u kummerċ fuq skala żgħira) li jikkorrispondu ma' attivitajiet ta' sussistenza.
- Il-PDG għal kull abitant huwa 30% inqas mill-medja tal-UE.
- L-awtoritajiet Franċiżi qed jipprevedu li jżidu progressivament id-drittijiet soċjali, biex jevitaw kwalunkwe destabbilizzazzjoni ekonomika tal-gżira. B'konsegwenza ta' dan, iż-żieda tal-kontribuzzjonijiet prevista se ssir b'ritmu bil-mod ħafna, billi l-allinjament tal-kontribuzzjonijiet ma' daww komunement applikabbli għe estiż sas-sena 2036.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-Kummissjoni ma wettqitx valutazzjoni tal-impatt. Madankollu, wara eżaminazzjoni tal-punti differenti u b'mod partikolari tat-talba ta' Franza, din kellha kuntatti mar-rappreżentanti tal-awtoritajiet Franċiżi bil-għan li jiġu evalwati aħjar ir-raġunijiet għall-miżura ta' posponiment mitluba.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

B'konformità mal-Artikolu 155(2) tat-TFUE, il-Kunsill għandu s-setgħa li jadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni tal-ftehimiet konklużi fil-livell tal-Unjoni Ewropea bejn is-sħab soċjali fil-qasam tat-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa f'dak li jikkonċerna l-opportunitajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol u l-ugwaljanza fix-xogħol.

It-talba Franċiża għal posponiment tal-implimentazzjoni għall-31 ta' Diċembru 2018 dehret li hija ġġustifikata fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika partikolari tad-dipartiment il-ġdid ekstra-Ewropew ta' Majott, li jeħtieġ allinjament progressiv tal-leġislazzjoni Majottiża mal-leġislazzjoni Franċiża u ma' dik Ewropea kif ukoll żieda progressiva tad-drittijiet soċjali sabiex tiġi evitata d-destabbilizzazzjoni ekonomika tal-gżira li tkun tirriżulta minn żieda mhux progressiva tad-drittijiet soċjali u li tiġi

garantita l-kisba progressiva tat-trattament ugwali fil-qasam partikolari tal-liv tal-
ġenituri.

Abbażi ta' dan, qed jiġi propost li d-Direttiva 2010/18/UE tal-Kunsill, tat-
8 ta' Marzu 2010 tiġi emendata bil-għan li Franza tingħata posponiment tal-
implimentazzjoni tad-Direttiva fil-Majjott sal-31 ta' Diċembru 2018.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2010/18/UE tal-Kunsill fir-rigward tal-bidla fl-istatus tal-Majott

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 155(2) tiegħu,

wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 2012/419/UE¹, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jemenda l-istatus ta' Majott fil-konfront tal-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2014. B'konsegwenza ta' dan, minn din id-data, Majott mhux se tibqa' territorju ekstra-Ewropew sabiex issir reġjun ultraperiferiku skont l-Artikoli 349 u 355(1), tat-Trattat. Id-dritt tal-Unjoni se japplika għall-Majott minn din id-data. Għandhom jiġu stabbiliti ċerti miżuri speċifiċi ġustifikati mis-sitwazzjoni partikolari ta' Majott.
- (2) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali partikolari ta' Majott, b'mod partikolari l-fatt li s-suq tax-xogħol mhuwiex żviluppat ħafna u li r-rata ta' attività mhija għolja xejn, perjodu addizzjonali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/18/UE tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-liv tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li tħassar id-Direttiva 96/34/KE² jidher xieraq sabiex tiġi garantita l-kisba progressiva tat-trattament ugwali fil-qasam partikolari tal-liv tal-ġenituri u sabiex ma jiġix destabilizzat l-iżvilupp ekonomiku tal-gżira, u b'hekk jippermettilha ttejjeb din is-sitwazzjoni partikolari.
- (3) Id-Direttiva 2010/18/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2010/18/UE, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Għad-dipartiment Franċiż ekstra-Ewropew ta' Majott, il-perjodu addizzjonali li hemm referenza għalih fl-ewwel subparagrafu huwa estiż sal-31 ta' Diċembru 2018."

¹ ĠU L 204, 31.7.2012, p. 131.

² ĠU L 68, 18.3.2010, p. 13.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President